Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,160, 5 ta' Diċembru, 2023
Taqsima B

A.L. 276 tal-2023

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP.499)

Regolamenti tal-2023 dwar il-Kunsill Malti għas-Sigurtà fit-Toroq

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru responsabbli għat-Trasport wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 dwar il-Kunsill Malti għas-Sigurtà fit-Toroq.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Awtorità" tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, mwaqqfa permezz tal-artikolu 5 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta; Kap. 499.

"Kunsill" tfisser il-Kunsill Malti għas-Sigurtà fit-Toroq, imwaqqaf bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti;

"Ministru" tfisser il-ministru responsabbli għat-trasport.

Twaqqif tal-Kunsill.

3. (1) Għandu jkun hemm Kunsill, li għandu jkun magħruf bħala l-Kunsill Malti għas-Sigurtà fit-Toroq, li għandu jkollu dawk il-funzjonijiet kif stabbilit f'dawn ir-regolamenti.

(2) Il-Kunsill għandu jkun magħmul mill-membri li ġejjin:

(a) Chairperson li għandu jinħatar mill-Ministru;

(b) Viċi-Chairperson li għandu jinħatar mill-Ministru ;

(ċ) il-Kummissarju tal-Pulizija jew uffiċjal għoli tal-Pulizija Eżekuttiva maħtur mill-istess Kummissarju, *ex officio*;

(d) uffiċjal għoli tal-Aġenzija għal Infrastruttura Malta, *ex officio*;

(e) uffiċjal għoli tal-Awtorità, *ex officio*;

(f) membru nominat mill-Assoċjazzjoni Maltija tal-Assigurazzjoni;

(g) uffiċjal għoli mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, *ex officio*;

(h) is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, *ex officio*;

(i) uffiċjal għoli mid-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei, *ex officio*;

(j) uffiċjal għoli mis-Servizz Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm*, ex officio;*

(k) il-Kummissarju għat-Tfal jew persuna maħtura mill-istess Kummissarju, *ex officio*;

(l) il-Kummissarju għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità jew persuna maħtura mill-istess Kummissarju, *ex officio*;

(m) uffiċjal għoli maħtur mill-Ministru għall-Edukazzjoni, *ex officio*;

(n) il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, *ex officio*; u

(o) uffiċjal għoli mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, *ex officio*:

Iżda l-membri maħtura *ex officio*, li r-rwol tagħhom ma jaqax taħt il-kompetenza tal-Ministru, għandhom jinħatru wara konsultazzjoni bejn il-Ministru u l-entità rispettiva li tkun qed tiġi rappreżentata:

Iżda wkoll il-Ministru jista' jaħtar persuni oħra bħala membri tal-Kunsill li huwa jqis li għandhom l-esperjenza rilevanti u li wrew il-kapaċità meħtieġa f'oqsma li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà fit-toroq.

(2) Il-Viċi-Chairperson tal-Kunsill għandu jaġixxi minflok iċ-Chairperson kull meta ċ-Chairperson ikun assenti minn laqgħa tal-Kunsill jew ma jkunx jista', għal xi raġuni, jaġixxi bħala tali.

(3) Il-membri maħtura, għajr dawk maħtura *ex officio,* għandhom jibqgħu fil-kariga għal terminu li ma għandux ikun ta' aktar minn tliet (3) snin, kif jista' jiġi speċifikat fl-ittra tal-ħatra tagħhom. Il-ħatriet kollha, inklużi dawk imġedda, għandhom jiġu ppubblikati fil-Gazzetta.

(4) Jekk ikun hemm post battal fil-Kunsill waqt li l-perjodu ta'

ħatra jkun għadu validu, minħabba mewt, riżenja jew kwalunkwe kawża oħra, il-Ministru għandu, malli jkun prattikabli, jaħtar persuna oħra sabiex jimtela l-post battal:

Iżda l-Kunsill u l-membri tiegħu għandhom ikunu jistgħu jkomplu jaġixxu minkejja kwalunkwe tali post battal.

(5) Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra f'dan ir-regolament, il-Ministru jista', fi kwalunkwe waqt, itemm il-ħatra ta' membru maħtur, jekk, fl-opinjoni tiegħu, dak il-membru ma jkunx jista' jkompli fil-kariga jew ma jkunx għadu kapaċi jwettaq il-funzjonijiet tiegħu kif jirrikjedu dawn ir-regolamenti:

Iżda fil-każ ta' membri maħtura *ex officio*, li r-rwol tagħhom ma jaqax taħt il-kompetenza tal-Ministru, tali terminazzjoni għandha ssir wara konsultazzjoni bejn il-Ministru u l-entità rispettiva li tkun qed tiġi rappreżentata.

(6) Il-Ministru għandu jaħtar segretarju għall-Kunsill.

(7) Il-Kunsill għandu jiltaqa' skont il-ħtieġa, iżda fl-ebda każ inqas minn darba (1) f'kull tliet (3) xhur kalendarji.

(8) Il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar il-kompożizzjoni u t-termini ta' referenza ta' sottokumitati jew gruppi ta' esperti li lilhom jista' jagħti kompiti speċjali u speċifiċi.

(9) Il-Kunsill għandu jkollu s-setgħa li jidħol f'kuntratti għall-ingaġġ tas-servizzi ta' esperti biex isostnu x-xogħol tiegħu.

Proċedimenti tal-Kunsill.

4. (1) Id-deċiżjonijiet kollha tal-Kunsill għandhom jittieħdu b'maġġoranza tal-membri preżenti, kemm-il darba jintlaħaq kworum għal-laqgħa tal-Kunsill.

(2) Għandu jkun hemm kworum meta mill-inqas ikunu preżenti għal laqgħa tal-Kunsill ħamsin fil-mija (50%) tal-membri u membru wieħed (1).

(3) Il-Kunsill għandu mill-bqija jirregola l-proċeduri tiegħu stess, kif soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(4) Fl-aħħar ta' kull sena kalendarja, il-Kunsill għandu jħejji rapport annwali dwar ix-xogħol imwettaq li għandu jiġi ppreżentat lill-Ministru, u li tiegħu għandha tintbagħat kopja lill-membri kollha tal-Kunsill fl-ewwel kwart tas-sena segwenti. Ir-rapport għandu jinkludi, iżda ma jkunx limitat għal, rendikont sħiħ tal-attivitajiet tal-Kunsill matul is-sena, il-kisbiet tiegħu kif ukoll in-nefqa.

(5) Il-Kunsill għandu jirrapporta lill-Ministru u għandu jżommu infurmat bix-xogħol tiegħu fuq bażi regolari.

Funzjonijiet tal-Kunsill.

5. Il-funzjonijiet tal-Kunsill għandhom ikunu s-segwenti:

(a) li jipprovdi sorveljanza dwar is-sigurtà fit-toroq flimkien mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti;

(b) li jappoġġja lill-awtoritajiet kompetenti fl-iżvilupp, il-monitoraġġ, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politika u l-istrateġija għas-sigurtà fit-toroq;

(ċ) li jagħti pariri lill-Ministeru dwar l-aħjar prattiki, politiki, pjanijiet ta' azzjoni, proposti leġiżlattivi u finanzjament fil-qasam tas-sigurtà fit-toroq;

(d) li jippromwovi s-sigurtà fit-toroq għall-utenti kollha tat-triq f'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti;

(e) li jiżviluppa programmi u inizjattivi mmirati lejn gruppi speċifiċi dwar kwistjonijiet ta' sigurtà fit-toroq;

(f) li jikkollabora mal-awtoritajiet u l-entitajiet minn pajjiżi oħra dwar kwistjonijiet ta' sigurtà fit-toroq;

(g) li jħejji l-estimi tal-baġit għall-inizjattivi tas-sena segwenti kif approvati mill-Kunsill innifsu u jippreżenta tali estimi lill-Ministru;

(h) li jħejji rapport annwali li jiddeskrivi fil-qosor il-ħidma u l-azzjonijiet tal-Kunsill, kif speċifikat fir-regolament 4(4).

Funzjonijiet addizzjonali tal-Kunsill.

6. Il-Kunsill għandu, barra minn hekk, ikollu l-funzjonijiet addizzjonali li ġejjin:

(a) li jagħti pariri lill-Ministru dwar l-iżvilupp u l-abbozzar tal-istrateġija nazzjonali dwar is-sigurtà fit-toroq f'Malta;

(b) li jagħti pariri u jirrapporta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali dwar is-sigurtà fit-toroq f'Malta abbażi ta' rapporti mressqa mill-entitajiet responsabbli u kkonċernati;

(ċ) li jippromwovi l-'approċċ ta' sistemi sikuri' għall-ġestjoni tas-sigurtà fit-toroq li jiffoka fuq veloċitajiet sikuri, toroq sikuri, vetturi sikuri, persuni sikuri u kura li tingħata wara

l-ħabta;

(d) li jgħolli l-profil tas-sigurtà fit-toroq f'Malta u jinfluwenza l-imġiba tal-utenti tat-triq permezz tal-parteċipazzjoni fi programmi edukattivi pubbliċi, programmi komunitarji u mezzi oħra li jistgħu jitqiesu meħtieġa;

(e) li jidentifika, jitlob u janalizza d-data u informazzjoni relatata mas-sigurtà fit-toroq, u jikkummisjona r-riċerka;

(f) li juża d-data dwar is-sigurtà fit-toroq għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tas-sigurtà tat-toroq f'konformità mal-indikaturi ewlenin ta' prestazzjoni kif jistgħu jiġu stabbiliti mill-Ministru;

(g) li jagħmel rakkomandazzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà fit-toroq u l-indikaturi ta' prestazzjoni li għandhom jintużaw sabiex jiġi ssorveljat il-progress lejn miri miftiehma;

(h) li jagħmel rakkomandazzjonijiet biex tiżdied is-sigurtà fit-toroq f'Malta billi jiġu żgurati l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki rikonoxxuti; u

(i) li jwettaq kwalunkwe funzjoni oħra li tista' tiġi assenjata lilu mill-Ministru fl-interess tas-sigurtà fit-toroq.

Finanzi u riżorsi.

7. Il-Ministru għandu jalloka dawk il-fondi u r-riżorsi lill-Kunsill kif jista' jkun meħtieġ biex jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu.